# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

L-Erbgħa, 15 ta' April, 2026

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 34.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittra ta' apoloġija.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-applikazzjoni li konna dħalna fiha mal-Kunsill Lokali Rabat, GovTech4All, ma ġietx aċċettata.

34.3.2 Il-Kunsillier Frankie Attard ġibed l-attenzjoni dwar il-Konsultazzjoni Pubblika li jista' jkun hemm dwar l-Għadira ta' San Rafflu. Huwa qal li rridu noqogħdu attenti sabiex ma jkunx hemm xi tip ta' restrizzjonijiet li mbagħad ma nkunux nistgħu nagħmlu attivitajiet fil-post.

34.3.3 Dwar l-iskema SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet Nodfa, il-Kunsill qabel li jagħmel Clean up u jistieden lill-iskola Primarja Peter Paul Grech sabiex jieħdu ħsieb il-clean up huma. Mal-clean up, ser naraw x'nistgħu nixtru bħal bins għal ġor-raħal.

34.3.4 Saret talba mis-Surmast tal-iskola Primarja Peter Paul Grech sabiex il-Kunsill Lokali jgħin fl-isports day billi jipprovdi l-frawli u ilma għall-ammont ta' Eur220. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

34.3.5 Il-Kunsill irċieva talba minn residenta fi sqaq fi Triq Klula sabiex jerġgħu jitħawlu xi pjanti fil-pots tas-sqaq. Ġie deċiż li jitħawlu pjanti li jibqgħu għas-sena kollha.

34.3.6 Is-Sindku qal li ġie mgħarraf illi ser jibda ħaddiem ġdid magħna li għandu esperjenza bħala ġardinar u għalhekk ser inkunu qed intuh dan it-tip ta' xogħol madwar ir-raħal. Huwa żied jgħid li ħa nixtru *hedge-trimmer* sabiex ikun jista' jaħdem aħjar. Bħala apparat għandu kollox u ser ikun qed juża l-għodda kollha tiegħu. Għalhekk, sar qbil li ntuh allowance żgħira fix-xahar bħala kumpens.

34.3.7 Qed jidħlu diversi lmenti dwar il-bankina li saret mill-Gvern fi Triq Madre Margerita li qegħda kantuniera u issa tidher li ġiet 'l barra żżejjed. Ġejna nfurmati illi xi ħadd faqa' tyre u karozza oħra ħabtet mal-kantuniera tal-bankina u daret la ġenba. Wara li daħlu dawn l-ilmenti, il-Kunsill ħass il-bżonn li jgħaddihom lil TM. TM nfurmatna illi l-bankina saret skond il-policy u li kieku ma kienx hemm il-bankina, kienet tintlaqat xi persuna li tista' tkun miexja mal-ġenb tat-triq. TM nfurmawna ukoll illi ser jagħmlu d-double yellow lines faċċata u l-marki tas-speed limit. Hawnhekk, il-Kunsill iddeċieda ukoll illi jsiru faxxi bħala reflectors mal-kantuniera

tal-bankina.

34.3.8 Is-Sindku reġa' semma l-attivita' Għad-Dell tal-Akwadott u nforma lill-Kunsill illi erġajna għamilna reminder tal-applikazzjoni.

34.3.9 Is-Sindku spjega illi saret allegazzjoni minn xi offerent mad-DOC fuq l-offerta KCM/02/2026 – Supply of Pedestrian Sweeper – waqt li kienet għadha miftuħa l-offerta. Kellna online meeting mad-DOC u kulma riedu kien li niċċaraw kjarifika li kienet intalbet online. Għaldaqstant, il-kjarifika saret u ġiet ippublikata fuq l-EPPS.

34.3.10 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar beda pjan ġdid ta' tindif permezz ta' sweepers li qed jiġu allokati f'kull lokalita' darba fil-ġimgħa. Aħna diġà bdejna t-Tnejn li għadda.

34.311 Is-Sindku ppreżenta pjanta ġdida tal-proġett tal-Għadira ta' San Rafflu tal-Perit Lauran Dimech. Din qed tiġi emendata sabiex idaħħal il-bankijiet.

## 34.4 Trakkijiet tal-barrieri

Is-Sindku qal li issa li tranġat it-triq alternattiva għat-trakkijiet, wasal iż-żmien illi nitolbu lill-Awtoritajiet sabiex issa tibda tintuża. Sar qbil dwar dan sabiex isir traffic management biex jidħlu lejn il-barriera minn fejn il-lukanda ta' San Lawrenz u joħorġu battalin minn Ta' Kerċem u Santa Luċija. Għalhekk, ser nitolbu laqgħa ma' TM.

## 34.5 Festa 2026

Is-Sindku semma li rridu nerġgħu naħsbu għall-knis.

Dwar il-gabbani, ġie diskuss l-inċident li kien inqala' s-sena l-oħra fejn sid ta' waħda mill-gabbani daħal jagħmel xogħolu ġo intrata ta' resident. Il-Kunsill Lokali ddiskuta u ddeċieda illi jekk ittina l-liġi, jekk jiġi japplika, ma nħalluhx japplika, u għalhekk ser naraw x'nistgħu nagħmlu legalment. Apparti hekk, ġie deċiż li kull min japplika nagħmlulu kundizzjoni fil-permess illi min joħloq il-problemi, jista' jinqata' barra u ma jitħalliex jerġa' japplika fil-futur.

Issemmiet ukoll l-idea tal-Park & Ride li kienet saret is-sena l-oħra. Ġie deċiz li ma terġax issir peress li s-sena l-oħra ma ntużatx. Sar qbil li jitpoġġew is-security guards fil-parapett tas-sorijiet is-Sibt filgħaxija bħas-soltu u naħslu wara.

## 34.6 Ilmenti u Suġġerimenti

34.6.1 Resident ġibed l-attenzjoni fuq bankina fi Triq Pejpu u qed jissuġġerixxi li l-kantuniera ssir tonda. Il-Kunsillier Horace Vella ssuġġerixxa li ssir faxxa tal-plastic fil-kantuniera. Kulħadd qabel ma' dan.

34.6.2 Saret talba minn resident ġewwa Santa Luċija sabiex jerġgħu isiru t-tabelli sabiex jinżamm is-silenzju fl-inħawi ta' Santa Luċija. Dawn it-tabelli kienu diġà' saru iżda jidher li jew inqalgħu jew insterqu. Il-Kunsill iddeċieda li jerġa' jagħmilhom.

34.6.3 Il-Kunsillier Horace Vella ssuġġerixxa li nġibu karru għal mas-sweeper meta tiġi. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

34.6.4 Irċevejna talba mingħand Għaqda Għajn Tuta sabiex isiru xi toqob tal-antarjoli ġodda fi Triq Għajn Tuta u jitranġaw xi oħrajn qodma. Sar qbil li nibdew mill-ġodda.

34.6.5 Is-Sindku semma li kien hemm il-ħsieb li nistiedna l-banda tal-Furjana jew ta' Bormla għall-festa li ġejja. Huwa kien tkellem mal-Għaqdiet sabiex ninvolvuhom u qablu li lesti jġibu banda u jdaħħluha s-Sibt. Il-Kumitat tal-Festa lesti ukoll li jħalssu Eur1,000. Madanakollu, tal-Furjana mhumiex interessati li jiġu u għalhekk, is-Sindku issa tkellem mas-Sindku ta' Bormla u qed jistenna risposta.

34.6.6 Saret Stop Notice minn naħa tal-PA fuq il-ħitan li konna qed nibnu fi Triq il-Ġifna. Ġie deċiż li nkellmu Perit sabiex naraw kif l-aħjar immexxu.

34.6.7 Saret talba sabiex titranġa bankina fi Triq Ġużeppi Briffa. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Il-Kunsillier Horace Vella talab sabiex isiru crash barriers fejn l-Għajn tal-Loqqu fejn tranġat it-triq għax issa saret perikoluża. Ġie deċiż li nitolbu bis-sistema tal-MGP.

34.6.8 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab li f'din l-istess triq li tranġat, jiġifieri, it-Triq ta' Spiteri, hemm bżonn li jsiru Slow signs għax kulħadd għaddej bi speed eċċessiv. Hawnhekk, il-Kunsillier Frankie Attard semma ukoll Triq Klula, peress li qed jiġri l-istess. Sar qbil li nitolbu għat-tabelli u traffic management f'dawn iż-żewġ postijiet lil TM.

34.6.9 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ġibed l-attenzjoni li ġew immarkati xi sinjali tad-drenaġġ fi Triq il-Kalandrijiet. Huwa rrimarka sabiex niġbdu l-attenzjoni biex x'ħin ikunu qed isiru xi xogħolijiet joqogħdu attenti għall-mina li hemm għaddejja minn taħt it-triq u biex ssiriliex ħsara peress li dik hija wied.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 34.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fl-3.40pm u ġiet aġġornata għall-11 ta' Mejju 2026, fis-2pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |